# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2019.**

**Numru 13**

**Rikors numru 28/18LSO**

**Jeremy James Farrugia**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat mill-attur fil-15 ta' Frar 2019 li permezz tieghu, wara li spjega li hu ma giex notifikat skond il-ligi bir-rikors tal-appell, talab li, minkejja li lahaq ghadda t-termini legali ghall-prezentata tar-risposta, jigi awtorizzat li jipprezenta risposta ghall-appell tal-konvenut u appell incidentali.

Min-naha tieghu l-konvenut jsostni li t-termini legali stipulati fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma perentorji u huma ta' ordni pubbliku. Huwa prezenta kazistika in sostenn tas-sottomissjoni tieghu.

Fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2019 l-attur ikkonferma bil-gurament li huwa kien ircieva biss kopja tas-sentenza appellata u qatt ma rcieva r-rikors tal-appell ghaliex dak li rcieva kellu biss erba' jew hames pagni.

Din il-Qorti tissenjala li l-artikolu relevanti huwa l-Artikolu 187[1] li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

> "187.(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha……."

Mir-riferta relattiva jirrizulta li kopja tar-rikors tal-appell kienet giet notifikata lill *"Jeremy James Farrugia personalment billi hallejtu fl-indirizz moghti Paola [CCF] f'idejn CO 49 Christopher Lautier"*[1]

Huwa manifest li dik ir-riferta hija, fl-ewwel lok kontradittorja ghax filwaqt li qed tghid li l-attur kien gie notifikat "personalment" fl-istess nifs qed tghid li n-notifika saret billi thalliet f' idejn terza persona. Fit-tieni lok, il-konsenja tal-att gudizzjarju kif saret ma tinkwadrax fit-termini tal-artikolu

[1] Fol.69 *tergo.*

fuq citat, u ghaldaqstant m'ghandhiex l-effetti legali ta' notifika valida skond il-ligi.

Ferm il-premess din il-Qorti tqis li sallum l-attur ghadu mhux notifikat bir-rikors tal-appell skond il-ligi, u ghalhekk it-talba tieghu ghall-prezentata tar-risposta hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba u tawtorizza lill-attur jipprezenta r-risposta tieghu ghar-rikors tal-appell tal-konvenut fi zmien ghoxrin jum millum.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr